# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 35

Data tal-laqgħa: 22 ta' Marzu 2017

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 22 ta' Marzu 2017 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Skużat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 p.m. billi ntqalet it-talba.

**35/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**35/01/01** Ma kienx hemm.

**35/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 34**

**35/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**35/02/02** **Para 34/02/03:** Il-Kunsill qed isegwi ma' Sur Michael Cohen fuq ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza.

**35/02/03** **Para 34/02/04:** Is-Sindku kiteb lil Onor. Deborah Schembri sabiex il-librerija tiġi lura fl-iskola jew għalinqas fil-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna. Il-Kunsillier Christopher Fenech issuġġerixxa li jekk hemm bżonn nitolbu laqgħa mal-Onor. Schembri.

**35/02/04** **Para 34/02/05:** It-*tender for embellishment works and installation of environmentally friendly playing field equipment at Ġnien ta' Żagħruna* qiegħed jiġi *reviewed* mill-Monitoring Unit fi ħdan id-Dipartiment.

**35/02/05** **Para 34/02/06:** Rigward l-ATM, il-Kunsill baqa' ma rċeviex risposta mingħand il-Ministru. Ġie deċiż li din il-ġimgħa jiġi ffirmat il-kuntratt mal-Bank of Valletta.

**35/02/06** **Para 34/02/07:** Fuq ix-xogħol ta' tisbieħ fi Triq Stiefnu Zerafa lest. Is-Sindku nnota li sar xogħol sew.

**35/02/07** **Para 34/02/08:** Il-Foreman tad-Direttorat tat-toroq għadu ma bagħatx risposta fuq il-laqgħa sabiex isir culvert fi Sqaq il-Ħofra u ieħor fi Triq San Nikola. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tagħmel kuntatt miegħu.

**35/02/08** **Para 34/02/09:** Fuq il-proġett tal-għaqda ta' B'Kara St. Joseph rigward il-ground ta' Xwieki. Il-Kunsill bagħat avviż lir-residenti ta' Xwieki li kien jinkludi l-ittra li bagħat is-Sindku lil Onor. Chris Agius u bir-risposta ta' dan tal-aħħar.

**35/02/09** **Para 34/02/11:** Il-Kunsill kiteb lil MPT sabiex il-karozzi jieqfu fil-pjazza biex iniżżlu u jgħabbu lin-nies u jibqgħu sejrin. Barra minn hekk sabiex waħda miż-żewġ rotot iddur minn Triq Stiefnu Zerafa għal Vjal ir-Repubblika u tispiċċa fi Triq l-Oratorju fejn il-bus bay jiġi fejn il-każin. Kemm is-Sindku kif ukoll is-Sur Christopher Fenech għandhom jiltaqgħu ma' tal-football fuq il-proposta li fi Triq Stiefnu Zerafa jista' jsir *bus shelter* ħdejn id-dog bin.

**35/02/10** **Para 34/02/12:** Fuq l-istima għal tabelli ġodda ta' zebra crossing fi Triq San Ġwann, il-Kunsill ġab stima mingħand is-Smart Light Systems. Din l-istima ġiet approvata.

**35/02/11** **Para 34/02/13:** Fuq il-kennis il-Kunsill irċieva kummenti pożittivi.

**35/02/12** **Para 34/02/14:** Fuq it-talba li jonqos id-*double yellow line* li sar fi Triq il-Qiegħed, is-Sindku spjega li sid ma ċemplitx.

**35/02/13** **Para 34/02/15:** It-tabella No U-Turn (ta' ħdejn l-Orange Tree) weħlet f'postha.

**35/02/14** **Para 34/02/17:** Il-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq Fra D. Mifsud saru u l-Kunsill rċieva kummenti pożittivi.

**35/02/15** **Para 34/02/18:** Il-tabelli li ressaq is-Sur Christopher Fenech saru kollha.

**35/02/16** **Para 34/02/23:** Fuq PA 03592/16 Construction of an aging residence at Naxxar, il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill joggezzjona fuq il-*fresh plans*.

**35/02/17** **Para 34/02/25:** It-tiswija fuq il-*Caledonia Village* li tinsab fi Ġnien il-Paċi għadha pendenti.

**35/02/18** **Para 34/03/04:** Rigward il-pilantri, is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-istima li rċevejna mingħand id-Dipartiment tax-Xogħlijiet u din ġiet approvata.

**35/02/19** **Para 34/03/05:** Fuq ix-xiri ta' *sleeping police,* ġie deċiż li nġibu stima mingħand is-Signmark għal l-*sleeping police* ta' Triq F. Zarb kif ukoll ta' Triq Caravaggio.

**35/02/20** **Para 34/03/07:** Fuq ir-restawr tal-*Victoria Lines* għandha ssir laqgħa mal-Ministru

Herrera u li għaliha għandhom jattendu s-Sindku u Sur Christopher Fenech.

**35/02/21** **Para 34/03/10:** Rigward l-ATM is-Sindku spjega li hu flimkien ma' Segretarju Eżekuttiv għandhom jiffirmaw il-kuntratt. Barra minn hekk, il-bieb suppost għandu jasal dalwaqt.

**35/02/22** **Para 34/05/04:** Fuq il-ġiebja ta' Sqaq il-Hofra, is-Sindku tkellem fuq il-proposta li għamlet persuna li avviċinatu. Is-Sur Christopher Fenech spjega li mhux sew li din tinghalaq u ma tibqax tircievi ilma. Gie deciz li s-suggeriment sabiex il-giebja tinghalaq ma jintlaqax u din il-persuna ghandha tagħmel kuntatt mad-Dipartiment tal-Artijiet.

**35/02/23** **Para 34/05/07:** Fuq it-talba ta' Sur Webb li jixtieq bankina quddiem il-bieb ta' dar fi Triq San Ġwann għadna qed nistennew risposta mingħand il-Perit tal-Kunsill. Ser inkomplu insegwu.

**35/02/24** **Para 34/05/09:** Rigward it-talba ta' Sinj. Muscat, fl-aħħar laqgħa ġie deċiż li ssir site-visit. Meta s-Segretarju Eżekuttiv marret fuq il-post sabet li aħjar isir parking ta' mutur milli *double yellow line*. Kien hemm qbil unanimu.

**35/02/25** **Para 34/05/10:** Il-fanal il-ġdid għal Triq Mons. L. Catania nxtara u għandu jeħel fil-ġranet li ġejjin.

**35/02/26** **Para 34/05/18:** Fuq id-diversi lmenti rigward l-iżvilupp ta' farm kbir tal-fniek f'tal-Ferħa, il-Kunsill qed ikompli jsegwi u ser jgib avviz fuq il-Facebook page tal-Kunsill fejn javza li konna oggezzjonajna.

**35/02/27** **Para 34/05/21:** Fuq l-installazzjoni ta' CCTV, sa issa ġbarna żewġ *quotations* u qed nistennew it-tielet waħda.

**35/02/28** **Para 34/05/22:** Rigward is-suggeriment li ressaq is-Sur Mark Azzopardi sabiex fuq il-ħajt tas-sejjieħ fil-Pjazza tad-Dejma jitpoġġew xi fjuri jew qsari, is-Sur Christopher Fenech qal li xogħol ħa jsir għada u li tal-E.L.C. għazlu pjanti li jifilħu għax-xemx.

**35/02/29** **Para 34/05/23:** Il-laqgħa mal-Ministru Mallia rigward il-Wifi saret. Is-Sur Christopher Fenech spjega li diġà hemm Wifi fil-pjazza u l-MCA għandhom iwaħħlu tabella. Barra minn hekk il-Ministru Mallia qed jaħdem sabiex ikun hemm Wifi fil-Ġnien tal-Ponta.

**35/02/30** **Para 34/06/09:** Fuq ir-*Revised Street Light Program Manager Licence fee and maintenance* – is-Sindku qed jaħdem sabiex kull Kunsill iħallas skont kemm għandu bozoz.

**35/02/31** **Para 34/06/10**: Is-Sindku preżenta l-istima tal-MQUIP sabiex isir ix-xogħol fuq il-Caledonia Village fi Ġnien il-Paċi, din ser tiġi tiswa €495. Kien hemm qbil unanimu.

**35/02/32** Tqajjem il-punt li Double yellow line fi Triq Santa Katerina, kantuniera mal-Balal Road ghadu ma sarx. Dan ser isir.

**35/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**35/03/01** Is-Sur Giljan Aquilina spjega kif ser taħdem Skema 2 - Manutenzjoni tal-komun fil-

binijiet tal-Gvern. Bażikament jistgħu jiġu allokati €5000 għal kull blokka tal-gvern.

**35/03/02** Is-Sindku ressaq li nonfqu €500 f'nar tal-ajru għal Jum il-Għargħur flimkien mal-insurance u l-permess. Kien hemm qbil unanimu. Barra minn hekk, is-Sur Mark Azzopardi ħa jkun qed jieħu ħsieb din l-attività.

**35/03/03** Is-Sur Giljan Aquilina tkellem fuq il-pjanti tal-ġnien li prepara l-Perit Chris Grech.

**35/03/04** Is-Sindku ressaq li *double yellow* fi Triq l-Oratorju jiġi estiż sa quddiem it-tieqa tal-ewwel dar. Kien hemm qbil unanimu.

**35/03/05** Is-Sindku bi pjaċir informa lil Kunsill li Sur Alfred Muscat aċċetta li jidħol fis-Sotto Kumitat Qasam Soċjali u jibda jiehu hsieb l-attivitajiet li jsiru. Il-Kunsill unanimament approva dan.

**35/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**35/04/01** Ma kienx hemm.

**35/05** **Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**35/05/01** Talba għal kaxxa safra quddiem id-drive-in 1, Santa Rita, Triq Mattia Preti – Din ġiet approvata.

**35/05/02** Fi Triq San Gwann ħdejn Michael Vella house, il-bankina nizlet u għandha bżonn titranġa – Il-Kunsill qabel li jsir ix-xaħx.

**35/05/03** Resident għandu bordura mal-faċċata isfel u jixtieq li ssir bordura oħra għax inqasam il-concrete – Ġie deċiż li ssir *site-visit*.

**35/05/04** Talba għal *culvert* għax l-ilma qed jinżel quddiem 7, Sqaq Warda – Il-Kunsill jaqbel li dan mhux possibbli.

**35/05/05** Talba għal CCTV ħalli jinqabad min qiegħed iħalli l-kelb iħammeġ mingħajr ma jiġbru jew imur kennis kuljum inaddaf – Ma kienx hemm qbil.

**35/05/06** Fi Sqaq Warda k/m Triq Katerina Sammut hemm ħafna ħmieg, trab, ħġieġ biex jitneħħa – Is-Segretarju Eżekuttiv ħa terġa' tibgħat lill-kennis.

**35/05/07** Talba biex tiċċekken l-*sleeping police* mit-truf, tat-Triq in-Naxxar, għax qed iżomm l-ilma – Ma kienx hemm qbil.

**35/05/08** Talba għal *parking* ta' MC fi Triq Caravaggio - Dan ġie approvat.

**35/05/09** Talba biex jinqata' l-ħaxix ta' Sqaq il-Ħofra, Sqaq Rużarju, Sqaq ta' Ċint il-Wiesgħa,

Ferħa u Kromb il-Baħar – Il-Kunsill qabel li nibagħtu *works order* lill-kuntrattur.

**35/05/10** Talba għal Sleeping Police fi Triq il-Kbira – Ġie deċiż li ssir *site-visit.*

**35/05/11** Talba sabiex l-isem ta' Triq l-Isqof Gaffiero jitneħħa minn mal-ħajt ta' dar li qeda f'kantuniera – Il-Kunsill ma qabilx.

**35/05/12** Is-Sur Mark Azzopardi rċieva lment li fi Triq Indipendenza n-naħa ta' Da Nino hemm kanal bla tarmac. Is-Sur Mario Gauci spjega li meta fil-passat l-Kunsill kien għamel il-konkos in-nies kienu oggezzjonaw. Gie deciz li issir site visit.

**35/05/13** Is-Sur Mark Azzopardi lmenta li latrina mhux qed tkun nadifa – Ġie deċiż li noħorġu *default notice.* Sadanittant is-Sindku qal li dwar il-proposta sabiex jitwaqqaf il-kuntratt ahjar jekk nistennew sakemm dan jaghlaq.

**35/05/14** Is-Sur Christopher Fenech ressaq lista ta' tabelli li jridu jinbidlu, dawn ġew approvati. Barra minn hekk, is-Sur Fenech spjega li ħa ssir attività kulturali fl-aħħar ta' Mejju fejn fost l-oħrajn ħa jaraw ix-xabla ta' La Valette. Is-Sindku żied jgħid li ħa jsir *coffee morning* għal anzjani fil-11 t' April kif ukoll ħa ssir attività f'Jum San Girgor, il-prezz ħa jkun ta' 3 Ewro.

**35/05/15** Il-Kunsill innota *quote* mingħand Smart Light Systems għal *Zebra Crossing Signs*. Il-Kunsill approva li jinxtraw.

**35/05/16** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinj. Maria Louise Tonna fuq it-Triq Mons. L. Catania. It-triq trid issir mill-Gvern Ċentrali u mhux mill-Kunsill.

**35/05/17** Ġiet innutata Ċirkulari 26/2017 Stedina lill-kunsilli lokali għal żewġ wirjiet ta' Heritage Malta.

**35/05/18** Il-Kunsill innota l-*quotes* għal CCTVs mingħand Probe.

**35/05/19** Il-Kunsill irċieva *quote* mingħand is-Sur Ramon Sammut rigward *Health & Safety Signs*. Kien hemm qbil unanimu li jinxtraw.

**35/05/20** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA – *Notification of Completion of DPA Report and*

*Meeting Date* – PA/00708/17.

**35/05/21** Ġiet innutata Circ 23/2017 – *Presentation during Plenary Meeting* 04/03/2017.

**35/05/22** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**35/05/23** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-PA – *Notification of Decision Notice* – PA/06896/16.

**35/05/24** Ġew innutati l-Linji Gwida għat-tismija ta' triq, ġnien, misraħ, eċċ. Il-Viċi-Sindku sema' li fil-Għargħur hemm waħda pendenti, għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċekkja.

**35/05/25** Il-Kunsill innota d-*default notices* li nħarġu lis-Sur Bryden Azzopardi rigward il-latrina.

**35/05/26** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Perit Toni Bezzina fuq PA/03592/16 (EA 00024/16). Il-Kunsill qabel li nibagħtu *Objection Letters*, waħda fuq PA/03592/16, oħra fuq il-bini tal-5 sulur fil-Gharghur b'mod ingenerali.

**35/05/27** Il-Kunsill irċieva *quote* mingħand il-Medicine Chest Pharmacy għal First Aid box. Kien hemm qbil unanimu li tinxtara.

**35/05/28** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinj. Antoinette Vassallo mill-Awtorità tad-Djar – Dwar: Skema 2 – Manutenzjoni tal-komun fil-binijiet tal-Gvern.

**35/05/29** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-PA – Notification of Receipt of Fresh Plans – PA/00020/17.

**35/05/30** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 8/2017 – Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali

**35/05/31** Il-Kunsill innota l-*quotes* għal CCTVs mingħand is-Sur Clint Cuschieri.

**35/05/32** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Dominic Vella minn TM – *Traffic Management Operations procedures.*

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**35/05/33** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Adi Associates fuq PA/03592/16.

**35/05/34** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinj. Marie-Jeanne Borg – Laqgħat ta' Gwida għas-Sindki / Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsill Lokali dwar il-proċess tat-tismija tat-toroq f'Malta u Għawdex.

**35/05/35** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**35/05/36** Il-Kunsill innota *quote* mingħand M-Quip Co Ltd għal *protective barrier on Centauro.* Il-Kunsill approva li tinxtara.

**35/05/37** Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn TM fuq Servizz tar-Reserved Parking.

**35/05/38** Il-Kunsill irċieva l-*Works Order* mingħand il-*Projects Implementation Directorate* biex isiru numru ta' toqob fi Triq l-Oratorju. Din ġiet approvata.

**35/05/39** Ġiet innutata Ċirkulari 21 (LCA) – M4.3 Funds for Rural Roads. Qed nistennew informazzjoni fuq kemm hemm bdiewa.

**35/05/40** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**35/05/41** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sinj. Isabella Camilleri Aquilina fuq – Inizjattivi dwar restawr ta' postijiet storiċi 2016. Sfortunatament l-applikazzjoni tagħna ma ġietx ikklassifikata mal-ewwel sitt postijiet.

**35/05/42** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur George Abdilla fuq is-*Street Light Cooperation Agreement.*

**35/05/43** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Ray Abela – *Robotica nation summer project in your community.*

**35/05/44** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinj. Marie-Jeanne Borg – Ċirkulari Numru 7/2017 – Inizjattiva Korsijiet Lifelong Learning 2017-2018. Kien hemm qbil li ma nieħdux sehem.

**35/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**35/06/01** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**35/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**35/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**35/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**35/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:05p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 19 ta' Marzu 2017 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Ġiljan Aquilina** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |